MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 161/2005

**Il-Pulizija
(Spt. C. Abdilla)
Vs**

**Alan Briffa**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Marzu, 2005 ghall-habta tat-20.00 hrs u qabel gewwa 27 Triq il-Ghajn, Swieqi :**
**1) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu jew fixkel lil Franco Portelli fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjgu billi hatt bini jew kisser il-mixi tal-ilma ghalih;**

**2) dahal f'residenza privata minghajr permess u bil-mohbi;**
**3) hedded lil Franco Portelli bil-kliem;**
**4) ghamel uzu minn xi nfrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provvduti minn providitur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas mill josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-providitur awtorizzat ghal uzu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew u dan bi ksur tal-Artikolu 39(d) Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**5) bi hsara ta' sid, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta'.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 85, 339(1), (o), 339(1)(e), 340(d) u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant mhux hati tar-raba imputazzjoni w minnha lliberatu w hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha w ikkundannatu ghal perjodu ta' tlett (3) xhur prigunerija.
Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w obbligat lill-imputat ma jimmolestax lil Franco Portelli u l-familja tieghu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi numerati 1,2,3 u 5 fic-citazzjoni; (b) tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza numerata 4 fic-citazzjoni u (c) thassaraha fil-parti fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat il-piena billi minflok tigi applikata piena aktar gusta w ekwa kif jixraq fic-cirkostanzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**
Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti :-
Li l-appell li hu limitat biss ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti hu bazat fuq il-fatt li l-appellant mill-ewwel ammetta l-htija tieghu u l-ispettur Martin Sammut spjega kif l-appellant kien ikkoopera bis-shih mieghu meta nvestiga l-

kaz u li kien qal li kien iddemolixxa l-istruttura ghax kienet mibnija llegalment . Illi inoltre hu ghandu kondotta nadifa w ghalhekk il-piena karcerarja li giet applikata fil-konfront tieghu kienet ferm eccessiva. Li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li l-azzjoni tal-appellant kienet kontra struttura illegali mibnija fuq il-proprjeta' tieghu w peress li ezistenza tat-titolu jirrendi l-fatt inqas gravi skond il-gurisprudenza, ma kienx il-kaz li tigi erogata piena karcerarja. L-Ewwel Qorti naqset ukoll li tikkonsidra li wara li l-appellant kien iddemolixxa din l-istruttura, din kienet giet immedjetament reintegrata mill-kwerelant kontra r-rieda espressa mill-appellant li minn-naha tieghu rega' hattha. Finalment peress li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-hames akkuza a bazi tal-artikolu 340(d) peress li kien hemm ukoll l-akkuza numru tnejn li ukoll tikkoncerna kontravvenzjoni ghad-drittijiet tal-proprjeta' aktar specifika a bazi tal-artikolu 339(1)(o), din kellha tigi skartata (Sic!)

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena hija entro l-parametri tal-ligi, pero' giet erogata fil-massimu taghha ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni w cioe' dik tad-delitt ta' *ragion fattasi*. Ma jidhirx li nghat piena ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali li taghhom ukoll gie misjub hati l-appellant, x' aktarx ghax l-Ewwel Qorti qieset li dawn il-kontravvenzjonijiet kienu assorbiti fid-delitt principali ghaliex servew bhala mezz biex seta' jigi**

**kommess dad-delitt jew minhabba xi konkors formali, ghalkemm dan ma jintqalx fis-sentenza appellata.**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx bizzejjed il-fatt li l-appellant ammetta mill-ewwel u kkoopera mall-Ispettur tal-Pulizija li investiga l-kaz. Illi mill-*prime note* tal-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2005 quddiem l-Ewwel Qorti, ma jirrizultax li giet registrata xi ammissjoni bikrija, anzi jidher li l-kawza hadet il-kors taghha u wara li xehdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni, xehed ukoll l-appellant *in sua difeza*.**

**Illi umbaghad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the

police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Ikkonsidrat;**

Li f' dan il-kaz trattandosi ta' demolizzjoni ta' struttura fl-abitat , fejn l-unika persuna li kellha interess twettaq din id-demolizzjoni kien l-appellant u hadd aktar, ftit seta' jkun hemm dubju li kien hu li wettaq ir-reat. Ghalhekk kull ammissjoni tieghu ftit li xejn setghet ghenet biex jigi solvut id-delitt ghax il-“pointers” kienu kollha diretti lejh. Ghalhekk fil-kaz tieghu l-ammissjoni mhux bil-fors li kienet timporta xi riduzzjoni fil-piena.

**Illi dwar it-tieni aggravju, fattwalment mhux korrett l-appellant meta fir-rikors tieghu jghid li hu ghandu kondotta nadifa. Di fatti hu nstab hati mill-Qrati erba darbiet fuq offizi li jirrigwardaw il-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u gie mmultat kull darba. Gie kunndannat ukoll talli ppermetta lil persuna ohra li thaddem hanut tat-*take away* bla licenzja u darba ohra gie kundannat li ma waqafx b' karozza fuq *stop sign* u ma kienx liebes "*seat belt*". Pero' mill-banda l-ohra, ma jidhirx li hu ghandu xi dispozizzjoni kriminali w dan huwa l-ewwel reat minnu kommess imputabbli taht il-Kodici Kriminali , ghax ir-reati l-ohra minnu kommessi huma jew ta' natura fiskali w amministrattiva jew kontravvenzjonijiet tat-traffiku.**

Illi ladarba ma sarx appell mill-kwistjoni tal-htija , din il-Qorti ma hix ser tidhol fil-kwistjoni jekk l-istruttura demolita konsistenti f' kamra "washroom" komplita bis-serrvizzi elettro mekkanici, bl-art u l-hitan miksijin bic-ceramica w mghammra b' sanitary ware u accessorji tal-bathroom kif ukoll b' aperturi tal-aluminium kienetx illegali jew le. Hu fatt li anki jekk ma kienetx legali, l-appellant ha l-ligi b' idejh bl-aktar mod goff kif qalet l-Ewwel Qorti w ddemolixxa l-istess struttura waqt li l-parti civili kienet imsiefra ghall-honeymoon. Dan mhux agir civilizzat li qatt jista' jigi kondonat.

Illi kif jidher mir-rapport tal-Perit Sarsero (Dok. FP1 a fols. 5 u 6 tal-process) id-distruzzjoni ta' din il-kamra kien totali w inoltre zewgt ikmamar ohra li jaghtu fuq il-bitha gew rezi perikolanti ghax il-bibien taghhom gew jaghtu fuq bokka fonda sular (ara r-ritratt a fol.5) . L-istess Perit stma l-hsarat fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500).

**Li ladarba ma sarx appell mil-htija din il-Qorti ma tistax tindaga dwar l-ahhar aggravju tal-appellant ghax illum hemm sejbien ta' htija li l-appellant ma appellax minnu. Jinghid biss li peress li l-hames imputazzjoni serviet bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht l-ewwel imputazzjoni, ikun hemm l-assorbiment tal-istess hames imputazzjoni fl-**

**ewwel imputazzjoni ghall-fini tal-piena a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kap.9.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Qorti rriflettiet fit-tul fuq l-ahjar piena li ghandha tigi erogata f' dan il-kaz u thoss li l-ahjar mod li jigi trattat l-appellant huwa billi l-piena tibqa' l-istess imma tigi sospiza ghall-periodu ta' erba snin u inoltre ikun hemm id-direttiva skond l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali biex l-appellant ihallas lill-parte civile kumpens ghad-danni minnu kagjonati kif irrizultaw mil-istima tal-perit Robert Sarsero kif ser jinghid.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni , it-tielet u l-hames imputazzjoni w in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tar-raba' imputazzjoni w minnha lliberatu kif ukoll, in kwantu a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap.9, obbligat lill-appellant li ma jimmolestax lil Franco Portelli u l-familja tieghu ghal periodu ta' sena, li jibda jiddekorri mill-lum taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100) fin-nuqqas kif ukoll tikkonfermaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlitt (3) xhur prigunerija , b' dana pero' li s-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll, li a tenur tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, qed taghti direttiva w tordna lill-appellant li jhallas lil Franco Portelli s-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500) fi zmien sitt xhur mil-lum bhala kumpens ghall-kull telf li hu sofra minnhabba d-delitt kommess mill-appellant w dana bla pregudizzju ghad-drittijiet ta' kull wahda mill-partijiet li johorgu mill-likwidazzjoni finali ta' kull ammont dovut , jekk ikun il-kaz, kif jista' jigi eventwalment miftiehem jew deciz f' kawza civili jew b' kull mod iehor permess mill-ligi, u fin-nuqqas li jsir dan il-hlas fiz-zmien fuq imsemmi, din il-Qorti tirrizerva li, wara li jsiru l-proceduri stabiliti fis-**

**subartikoli (4) (5) u (6) tal-istess artikolu 28H, tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda’ sehh.**

**Il-Qorti, a tenur tal-artikoli 28A (4) u 28H (7), qed tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht dawn l-artikoli jekk hu jikkommetti matul il-periodu ta’ erba snin reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija w/jew jekk jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva tal-hlas tas-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500) fi zmien sitt xhur mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------